

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10525/26

DELECT 97
PECHE 237

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3903 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'12.6.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1154 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3903 final.

Mehmuż: C(2026) 3903 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2026
C(2026) 3903 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.6.2026

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1154 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-għan tar-Regolament Delegat huwa li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1154 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ sabiex jiġu implimentati l-bidliet deskritti fir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 25-09 dwar l-użu sperimentali tat-traplines², adottata fid-29 laqgħa tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) f'Novembru 2025.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 67(4) tar-Regolament (UE) 2023/2053, il-Kummissjoni kkonsultat mal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura dwar l-abbozz tar-regolament.

F'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet³, ir-Regolament Delegat ġie sottomess lill-koleġislaturi (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea) għall-konsultazzjoni fil-livell tal-esperti.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat jemenda r-Regolament (UE) 2019/1154 billi jipprevedi l-użu ta' kombinazzjoni ta' snanar u ħoloq li jistgħu jiġu kalati jew jittellgħu abbord bastimenti li jistadu għall-pixxispad.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1154 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1154/oj>).

² Recommendation 25-09 by ICCAT on the experimental use of traplines, <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2025-09-e.pdf>.

³ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2016/512/oj).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.6.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1154 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1154 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 34, il-paragrafu 1, il-punt (e), tiegħu,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija parti għall-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), wara li approvat l-adeżjoni mal-Konvenzjoni ICCAT skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE².
- (2) L-ICCAT tadotta l-miżuri biex tiżgura l-konservazzjoni fuq terminu twil u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT u biex tissalvagwardja l-ekosistemi tal-baħar li dawn ir-riżorsi jinsabu fihom. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.
- (3) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2025, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 25-09³ dwar l-irkaptu tas-sajd użat fis-sajd għall-pixxispad. Fil-kuntest tal-irkaptu tas-sajd, dik ir-Rakkomandazzjoni tipprevedi l-użu kkombinat ta' ħoloq mas-sistema attwali ta' snanar. Jenħtieġ li dik il-miżura tiġi implimentata fid-dritt tal-Unjoni.
- (4) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/1154 huwa emendat kif ġej:

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1154 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1154/oj>)

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jiffirmaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1986/238/oj>)

³ Recommendation 25-09 by ICCAT on the experimental use of traplines, <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2025-09-e.pdf>

Fl-Artikolu 14, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-għadd massimu ta' snanar u ċrieki armati kkombinati (serje ta' ħoloq konċentriċi ta' daqs dejjem akbar fejn is-snanar u/jew il-lixka artifiċjali jistgħu jitqiegħdu fiċ-ċrieki iżgħar u d-dwal jistgħu jitwaħħlu maċ-ċrieki l-kbar) li jistgħu jiġu kalati minn bastimenti tas-sajd li jkunu qed jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran, jew jinġarru abbord dawn il-bastimenti, għandhom jiġu ffissati għal 2 500.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-bastimenti tas-sajd għandhom jitħallew ikollhom abbord sett ieħor armat ta' 2 500 sunnara u ħolqa kkombinati għal vjaġġi ta' iktar minn jumejn, sakemm dan jintrabat kif suppost u jinżamm fil-gvieret ta' taħt b'mod li ma jkunx jista' jintuża faċilment.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12.6.2026

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*